MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 94

16 ta' April 2018

Minuti tas-seduta Nru. 94 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 16 ta' April 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 1.7. **(Ref: P/5/1/Vol IV)** tas-seduta Nru. 92, imsejħa b'urġenza u talab li wara l-istess minuta tidħol oħra li taqra hekk:

*"1.8. Il-Kunsillier E. Bartolo wiegeb li skont sub-Art. 7 tas-Sitt Skeda tal-Ordnijiet Permanenti tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali (Kap. 363) tali mozzjoni setgħet titressaq u kellha tiġi diskussa minħabba li kellha rabta diretta mas-suġġett fuq l-agenda tal-laqgha msejha b'urgenza.".*

1.3. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li aktar 'l isfel fl-Artiklu 7 tal-Ordnijiet Permanenti hemm stipulat li:

*"7. Minbarra kif hemm provdut b'dawn li l-ordnijiet permanenti, l-beda mozzjoni ma tista' titressaq kemm-il darba ix-xoghol li għandha x'taqsam miegħu ma jkunx imniżżel fuq l-aġenda mis-Segretarju Eżekuttiv jew minn min ikun għamel din il-mozzjoni ma jkunx ta l-avviż bil-miktub tat-termini tagħha u jkun ikkonsenja l-avviż lis-Segretarju Eżekuttiv tal-anqas sitt ijiem qabel.".*

1.4. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-Artiklu 12 tal-Ordnijiet Permanenti jelenka is-sitwazzjonijiet fejn mozzjoni tista' titressaq mingħajr avviż.

1.5. L-emenda proposta fil-minuta 1.2. aktar 'il fuq ma ġietx approvata.

1.6. Il-minuti tas-seduti Nri. 92 u 93 tas-26 ta' Marzu 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Il-Proġett fiż-żona Ta' Masrija u t-teħid ta' parti mill-*Bypass* - Triq Lewis Wettinger u toroq oħra li jwasslu għall-Mellieħa

**(P/5/1/Vol IV) (T/4/7/Vol II)**

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta Nru. 92 u aċċenna għal-laqgħa li saret mal-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali l-Onor Ian Borg u mal-Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta (IM) l-Inġ. Fredrick Azzopardi li saret fil-5 ta' April 2018 fil-bini tal-Ministeru fil-Furjana. Preżenti kien hemm l-Ing. Robert Schembri, u s-Sur Lawrence Darmanin, flimkien mal-Viċi Sindku D. Vella, u l-Kunsillieri J. Attard, J. Azzopardi, E. Bartolo, A. Brincat Stellini, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna li l-Ministru kkonferma l-intenzjoni li Triq Lewis Wettinger tibqa' b'erba' karreġġjati, b'*centre-strip* kontinwa bejn iż-żewġ *roundabouts* eżistenti, filwaqt li din tkun mgħammra bid-dwal u *service culvert*. It-triq ser ikollha *crash barriers* kemm fil-ġnub tagħha, kif ukoll fin-nofs bejn il-karreġġjati opposti biex toffru sigurtà anke għar-rikkieba tal-muturi. It-triq ser tingħata wiċċ ġdid u x-xogħol kollu mistenni li jitwettaq qabel is-sajf.

2.1.4. Il-Kunsill ġiet mgħarraf ukoll fit-13 ta' April 2018 saret laqgħa mal-Ing. F. Azzopardi, R. Schembri u s-Sur L. Darmanin fl-uffiċċju ta' IM f'Ħal Luqa. Għal din il-laqgħa, attendew is-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. F'din il-laqgħa sar magħruf li x-xogħol ser jibda fit-23 ta' April 2018. Minn naħa tal-Kunsill inġibdet l-attenzjoni li fis-27 ta' April 2016, il-Kunsill kien għamel talba lil LESA sabiex issir *speed camera* fil-parti li tiġi bejn Triq il-Mitħna l-Qadima u t-triq tal-Miżieb. Dan il-punt tqajjem sabiex ikun jista' jsir id-*ducting* meħtieġa waqt li jkun għaddej ix-xogħol, u hekk tiġi evitata l-ħtieġa ta' trinek aktar 'il quddiem.

2.1.5. Dwar ix-xogħlijiet fuq il-pont tal-Mistra, l-Ing. Azzopardi, għarraf li jista' ikun meħtieġ li t-Telgħa ta' Selmun ikollha tingħalaq għall-kollox u hekk t-traffiku jkollu jiġi mdawwar mit-toroq tal-Miżieb u mill-Manikata. Minn naħa tal-Kunsill inġibdet l-attenzjoni li toroq bħal Triq il-Wilġa u t-telgħa ta' Għajn Żnuber (Triq il-Mellieħa) mhumiex fi stat tajjeb li jieħdu volum hekk kbir ta' traffiku. L-uffiċjali ta' IM għarrfu li Triq il-Wilġa u Trejqet il-Ħarrub ser jingħataw wiċċ ġdid bit-tarmak permezz ta' fondi Ewropej, filwaqt t-Telgħa ta' Għajn Żnuber ser tingħata wiċċ ġdid minn fondi ta' IM.

2.1.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf li mill-kuntatti li kien hemm irriżulta dwar it-titjib tat-Telgħa ta' Selmun, IM qed jistennew il-permess tal-awtoritajiet kompetenti dwar it-tneħħija ta' xi siġar biex isir it-twessiegħ tat-triq.

2.1.7. Is-Sindku kkummenta li t-Telgħa ta' Selmun tista' titħalla bil-wisa' eżistenti u tingħata wiċċ ġdid biss. Dan għar-raġuni li l-konġestjoni tat-traffiku qed toriġina mix-Xemxija.

2.1.8. Il-Kunsillier E. Bartolo wieġeb li jekk wieħed jinqabad wara xi vettura kbira ma jkollux l-opportunità li jaqbiżha eżatt qabel ir-*roundabout* ta' Selmun. Fid-direzzjoni opposita jkollu jibqa' sejjer sar-*roundabout* li hemm fil-bajja tax-Xemxija.

2.1.9. Is-Sur J. Buttiġieg qal li minħabba r-raġuni miġjuba fil-minuta 2.1.8., it-Telgħa ta' Selmun tista' ikollha karreġġjati waħda 'l fuq u tnejn fir-direzzjoni lejn ix-Xemxija. B'dan il-mod, xorta waħda jkun meħtieġ twessiegħ.

2.1.10. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jsiru aktar kuntatti ma' IM dwar it-Telgħa ta' Selmun.

## 2.2.1. *Earth Day Clean-Ups* (T/4/6/Vol V)

2.2.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 4.3.1. tas-seduta Nru. 93 u għarraf li x-Xatt ta' Santa Marija ser ikun inkluż flimkien ma' Selmun fil-*clean-up* li ser issir fit-22 ta' April 2018.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.3.1. Ħarġa Kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.3.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta Nru 93 u qal li l-ħarġa li kellha ssir fid-19 ta' April 2018 għall-Bird Park fis-Salina, San Pawl il-Baħar kellha titħassar peress li dakinhar kien ibbukkjat kollu.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1. Sejħa għall-Offerti 3/2018 – Kiri ta' vettura *pick-up* (V/3)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta Nru. 93 u ppropona li l-Kunsilliera A. Brincat Stellini tidħol bħala osservatur fuq l-aġġudikazzjoni tas-sejħa msemmija.

2.4.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 2.5.1. Kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill (S/4/2/Vol III)

2.5.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta 93 u għarraf li l-finali tat-tieni *round* individwali fil-kompetizzjoni msemmija ser jintlagħab bejn Wilfred Cross u John Farrugia nhar il-Ġimgħa 20 ta' April 2018 fis-sede tal-Għaqda Mużikali Imperial.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.6.1. Infurzar ta' *bye-laws* dwar ikkampjar u *policy* dwar tisjir fil-beraħ (B/5/Vol IV)

2.6.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta Nru. 93 u qal li huwa flimkien mal-Kunsillier J. Gauci żaru t-tliet żoni tal-kampeġġ ġewwa l-Aħrax u ressqu rapport tal-fatti u miżuri li għandhom jittieħdu.

2.6.3. Il-Kunsillier J. Attard qal li waħda mill-preokkupazzjonijiet mqajma waqt il-laqgħa mal-kumitat tal-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti – Mellieħa li saret fl-4 ta' April 2018, kienet il-ħsara li qed tiġi kkawżata fis-siġar permezz tan-nar li jitqabbad. Huwa għalhekk staqsa dwar jekk huwiex possibbli jiġi pprojbit nhar mikxuf bil-ħatab.

2.6.4. Is-Segretarju wieġeb li dan ma jistax isir, kemm-il darba ma jergħux jiġu emendati l-*bye-laws* li għandhom kemm ġew ippubblikati.

2.6.5. Is-Sindku aċċenna li fil-laqgħa li saret, kien ġiet miftiehem li jitwaqqaf Kumitat ta' Azzjoni kompost minn tliet membri tal-Kunsill u tlieta oħra mill-għaqda. Huwa qal ukoll li jkun jagħmel sens jekk ikun hemm rappreżentanza minn naħa tal-*campers*. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li r-rapport imressaq għandu jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kumitat ta' Azzjoni li għandha ssir fis-26 ta' April 2018. Issuġġerixxa wkoll li l-membri tal-Kunsill f'dan il-Kumitat ta' Azzjoni għandhom ikunu s-Sindku bħala *chairman*, u l-Kunsillieri J. Azzopardi u J. Gauci.

2.6.6. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa mis-Sindku skont il-minuta 2.6.5.

## 2.7.1. Postijiet għaż-żamma ta' karrijiet użati għall-ġarr ta' opri tal-baħar (X/1/5)

2.7.2. Is-Sindku għarraf li l-All Wheel Drive Club qed jirrifjutaw li l-karrijiet tal-opri tal-baħar jitħallew fil-barriera tal-Armier, peress li din ġiet assenjata lilhom bil-għan li jipprattikaw l-isports tagħhom. Minkejja dan, l-istess klabb ikkonċeda l-użu tal-barriera fix-xhur tas-sajf biss.

Is-Sur J. Buttigieg, qal li alternattiva oħra tista' tkun l-inħawi taċ-Ċumnija, qabel wieħed idur għall-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma kien hemm ebda mistoqsijiet.

## 3.1. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 13/03/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 24/03/18 – 13/04/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku

4.1.1. **Estensjoni tal-*fish farm* tat-tonn eżistenti fil-grigal ta' Malta (T/8)**

4.1.2. Is-Segretarju aċċenna għal applikazzjoni EA 0007/18 li saret mal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent dwar il-proposta msemmija li tinvolvi t-tkabbir tal-gaġġeġ bil-għan li t-tonn li jintrabba fihom ikun jista' jinqatel ta' piż ikbar milli qiegħed isir bħalissa. Huwa fakkar ukoll li dan l-iżvilupp jitlob li jsir *Environmental Impact Assessment.* Jidher li dan l-inkarigu ngħata lill-Adi Associates li minn naħa tagħhom jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsill dwar din l-applikazzjoni bħala parti mill-konsultazzjonijiet li qegħdin jagħmlu.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li Adi Associates għandhom jintalbu jagħmlu preżentazzjoni fis-seduta li jmiss.

**4.2.1. PA 4623/17 – Tinda quddiem Greystone Bar – Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/10/Vol II)**

4.2.2. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 17 ta' April 2018 dwar deċiżjoni li ngħatat fir-rigward tal-istabbiliment imsemmi li kienet tinvolvi t-tneħħija ta' umbrellel biex minflokom issir tinda li tinfetaħ u tingħalaq. It-talba ġiet irrifjutata billi tmur kontra *policy* P1 tal-*Policy, Guidance and Standard for Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces* 2016, u minħabba l-impatt viżwali li toħloq mal-karatteristiċi arkettoniċi ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. It-talba ġiet rifjutata wkoll peress li ma tiggarantixxix aċċess għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

4.2.3. Il-Kunsill innota din id-deċiżjoni fid-dawl tal-*master plan* li jrid jitfassal mill-Kunsill dwar it-tqegħid ta' għamara quddiem bars u stabbilimenti li jservu l-iktar.

**4.3.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* f'Santa Marija Estate (T/3/2/Vol XV)**

4.3.2. Is-Segretarju rrefera għal imejl datat 28 ta' Marzu 2018 mibgħut minn Ms A. Bezzina Timmers fejn talbet li jsiru *speed humps* qrib it-*traffic island* fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera, ma' Triq il-Qasab u anke fil-friegħi li jaqbdu magħhom.

4.3.3. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li għandhom jiġi kkonsultati r-residenti dwar il-possibiltà li jsiru żewġ *speed humps* fi Triq Għajn Żejtuna:

(a) Bejn Triq l-Alwetta u Triq il-Qasab; u

(b) Ftit 'il fuq minn Triq il-Pont.

**4.4.1. Studju Nazzjonali fuq il-Prevalenza tan-Nuqqas ta' Smigħ fost l-Adulti (M/8/Vol VI)**

4.4.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal imejl datat 9 ta' April 2018 rigward inizjattiva li qed tittieħed mid-ditta OK Medical dwar il-ġbir ta' informazzjoni fuq is-smiegħ, li ser isir permezz ta' *screening,* bil-għan li jkun hemm aktar għarfien dwar il-kawżi li jġibu din il-kundizzjoni. Huwa qal ukoll li rappreżentant minn din id-ditta ta informazzjoni dwar din l-inizjattiva waqt il-laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li saret fl-24 ta' Marzu 2018. Is-Sur J. Attard qal li l-Kunsill qed jiġu mitluba jipprovdu post ġewwa l-uffiċini tagħhom fejn ikunu jistħgu jiġu ntervistati n-nies konċernati.

4.4.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**4.5.1. Programmi offruti mid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard (M/8/Vol VI)**

4.5.2. Kunsillier J. Attard irrefera għal imejl datat 16 ta' April 2018 rigward is-suġġett t'hawn fuq, fejn intqal li d-Direttorat qed joffri sessjonijiet informattivi dwar:

- Mard kroniku;
- Għajnuna għal min jixtieq jieqaf mit-tipjip;
- Għajnuna għal min jixtieq jonqas fil-piż; eċċ

4.5.3. Is-Sur J. Attard qal li ntalbet laqgħa sabiex issir diskussjoni mal-Kunsill anke dwar kif dawn il-korsijiet jistgħu jiġu mtejba.

4.5.4. Il-Kunsill laqa' il-proposta, filwaqt li l-Kunsillieri J. Attard u J. Gauci ntalab sabiex jiffissaw appuntament.

**4.6.1. Proġett – *YIEPS – Youth in Europe Promote Solidarity* (P/10/1/Vol IV)**

4.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 17 ta' Marzu 2018 mibgħut f'isem il-Kunsill Lokali tal-Birgu, fejn il-Kunsill tal-Mellieħa ġie mistieden jipparteċipa fil-proġett imsemmi, li qed jiġi ffinanzjat taħt il-programm *Europe for Citizens*. L-imsieħba fiħ ġejjin mill-Polonja, l-Italja, Ċipru, Franza il-Greċja, il-Portugal, u mis-Slovenja.

4.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhux possibbli jinstabu persuni sabiex jieħdu sehem peress li d-dati tat-twettieq huma viċin wisq billi huma bejn l-24 u s-27 ta' April 2018.

**4.7.1. Proġett – Mobilitas (P/10/1/Vol IV)**

4.7.2. Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 24 ta' April 2018, mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn għarrfu li għaddejjin kuntatti mal-kumpanija Paragon, li qed timplimenta l-proġett imsemmi hawn fuq b'finanzjament mill-Unjoni Ewropea. Il-proġett jinvolvi msieħba mill-Polonja, l-Italja, Ċipru, Franza il-Greċja, il-Portugal, u mis-Slovenja u jittratta l-konġestjoni tat-traffiku. Peress li dan huwa suġġett li jolqot il-lokalitajiet, l-Assoċjazzjoni talbet li jkun hemm *input* mill-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni.

4.7.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa fil-*workshop* li ser isir fl-4 ta' Mejju 2018 fis-13:30 fis-Sala tal-Assoċjazzjoni fil-Marsa.

**4.8.1. Proġett tal-mina bejn Malta u Għawdex (T/3/3/Vol V)**

4.8.2. Is-Sindku aċċenna għal-laqgħa li saret fis-6 ta' April 2018, imsejħa mill-bord responsabbli mill-proġett imsemmi, li huwa presjedut mill-Onor. Dr Franco Mercieca. Preżenti miegħu kien hemm l-Ing. Jonathan Scerri u l-Perit Sarah Pace minn Transport Malta li tat preżentazzjoni dwar it-tħejjijiet għall-proġett li saru issa . Ġew imsejħa jattendu wkoll rappreżentanti mill-Kunsilli Lokali tan-Nadur u San Pawl il-Baħar. Flimkien mas-Sindku J. Buttigieg attendew il-Kunsillier E. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

4.8.3. Fil-laqgħa ġie spjegat li l-mina ser ikollha tliet karreġġjati – waħda f'kull direzzjoni, filwaqt li t-tielet waħda tintuża f'każ ta' emerġenza. Ġew indikati l-inħawi ta' Għerien il-Ħida fejn tista' ssir il-bokka tal-mina, billi f'dan il-post il-blat huwa wieqaf u hekk tkun tista' issir bokka bl-inqas dannu ambjentali possibbli. Dan il-post intgħażel ukoll billi jinsab qrib il-*bypass* ta' San Pawl il-Baħar. Is-Sur J. Buttigieg qal li diġa saru diversi studji, iżda hemm oħrajn li għad iridu jsiru.

4.8.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.9.1. Immaniġġjar ta' Traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/3/Vol V)

4.9.2. Is-Sindku għarraf li fl-laqgħa li huwa kellu maċ-*Chairman* tat-*Traffic Control Committee* fi ħdan Transport Malta fil-11 ta' April 2018, huwa ġie mgħarraf li l-istudju kkummissjonat minnhom jindika li kemm-il darba d-direzzjoni tat-traffiku talterna permezz tat-*traffic lights*, ser jinħoloq serbut twil ta' vetturi, li minnu nnifsu jikkawża aktar konġestjoni. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li uffiċjali mill-GRTU – Malta Chamber of SME's qed jintervistaw in-nies b'rabta mas-suġġett.

4.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

5.1. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier E. Bartolo li tgħid:**

***"In vista tal-iżvilupp li qiegħed isir fiż-żona Ta' Masrija konfinanti ma' Triq Lewis Wettinger fil-Mellieħa skont il-permess bin-numru PA 04811/15 approvat fit-28 ta' Aprl 2016 u l-permess PC 0046/13 appravat fit-13 ta' Awwissu 2015;***

***In vista ukoll li f'dan l-iżvilupp qed jirriżulta fit-teħid ta' parti mill-"bypass", magħrufa aħjar bħala Triq Lewis Wettinger biex issir "service road";***

***Wara li ġie nnutat dak kollu li nkiteb u ntqal fil-pubbliku b'mod partikolari fuq il-medialokali kif ukoll fil-Parlament Nazzjonali;***

***Sabiex il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jassigura li jissalvagwardja bl-aħjar mod possibbli l-interessi tal-Mellieħa u r-residenti Melleħin kif ukoll ta' dawk kollha li jużaw din il-bypass;***

***Sabiex dan il-Kunsill Lokalital-Mellieħa jassigura wkoll li jingħata lura u igawdi dak li hu tiegħu bi dritt;***

***Dan il-Kunsill Lokali jiddeċiedi li:***

***i. Fi żmien ġimgħatejn mil-lum issejjaħ laqgħa pubblika għall-komunità Melleħija dwar din il-materja sabiex il-Kunsillikun qiegħed jisma' l-veduti tan-nies tal-lokalità;***

***ii. Għal din l-istess laqgħa, il-Kunsill għandu jara li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu, il-pjanti kollha, kemm dawn approvati kif ukoll dawk proposti, flimkien mal-informazzjoni relatata ma' dan il-proġett u l-bini tal-imsemmija "service road". Jekkk dawn il-pjanti u l-informazzjoni ma jkunux disponibbli, il-laqgħa tinżamm xorta waħda;***

***iii. Jitlob kopja tar-rapport finali tal-"Traffic Impact Statement";***

***iv. Jitlob kopja tar-rapport finali tal-"Project Development Statement";***

***v. Jitlob kopja tar-rapport finali tas-"Social Impact Assessment" li sar fuq dan il-proġett li jinkludi aktar minn 150 appartament u madwar 170 "basement garages";***

***vi. Jitlob kopja tar-rapport finali tal-"Environment Impact Assessment" li sar b'rabta mal-istess żvilupp;***

**vii.** ***Jitlob ukoll il-pjan tal-Awtorità tat-Trasport u/jew tal-Awtorità tal-Iżvilupp, dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona effettwata wara li jiġi konkluż l-iżvilupp;***

**viii.** ***L-istess awtoritajiet għandhom jagħtu l-assikurazzjonijiet tagħhom li l-karreġġjati kif proposti li jiġu riveduti, mhux ser ikunu ta' periklu għal min juża din it-triq; u***

**ix.** ***Jitlob il-konferma tal-ammont iffissat bħala "planning gain" u jikseb assikurazzjoni li dan l-ammont jiġi nvestit fl-aħjar interess tal-komunità tal-Mellieħa u mhux ser jintuża biex isiru xi xogħlijiet relatati ma' dan l-iżvilupp.".*** **(P/5/1/Vol IV)**

5.2. Il-Kunsillier E. Bartolo stqarr li fid-dawl tal-iżviluppi li kien hemm mis-seduta msejħa b'urġenza tas-26 ta' Marzu 2018, huwa ressaq mozzjoni li temenda dik notifikata fl-imsemmija seduta, li taqra hekk:

*"In vista tal-iżvilupp li qiegħed isir fiż-żona Ta' Masrija konfinanti ma' Triq Lewis Wettinger fil-Mellieħa skont il-permess bin-numru PA 04811/15 approvat fit-28 t' April 2016 u l-permess PC 00046/13 approvat fit-13 t' Awwissu 2015;*

*In vista ukoll li f'dan l-izvilupp qed jirriżulta fit-tehid ta' parti mill-"bypass", magħrufa aħjar bħala Triq Lewis Wettinger biex issir "service-road";*

*Wara li ġie nnotat dak kollu li seħħ minn meta saret il-laqgħa urġenti tal-Kunsill Lokali Mellieħa, nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu fejn fost l-oħrajn, il-Ministru tal-Infrastruttura, Trasport u Proġetti Kapitali, iltaqa' mal-Kunsill u ppreżenta pjanti ġodda ta' Triq Lewis Wettinger u sabiex il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jassigura li jissalvagwardja bl-aħjar mod possibbli l-interessi tal-Mellieħa u r-residenti Melleħin kif ukoll ta dawk kollha li jużaw din il-By Pass;*

*Dan il-Kunsill Lokali jiddeċiedi li:*

*i.* *Fid-dawl tal-iżviluppi li kien hemm, isejjaħ laqgħa pubblika għall-komunita' Melleħija fi żmien ġimgħatejn mil-lum, sabiex ir-residenti jiġu nfurmati bir-reviżjoni li saret billi tingħata l-informazzjoni kollha.*

*ii.* *Jitlob kopja tar-rapporti finali segwenti :"Traffic Impact Statement", "Project Development Statement", "Social Impact Assesment" u "Environment Impact Assessment" li sar b'rabta mal-istess żvilupp, sabiex jigi spjegat kif tali żvilupp se jeffetwa lill-komunita' Melleħija b'mod speċjali l-inħawi milquta.*

*iii.* *Jiġi spjegat ukoll il-pjan tal-Awtorita' tat-Trasport dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fiż-żona affettwata wara li jiġi konkluż l-iżvilupp.*

*iv.* *L-istess awtoritajiet ghandhom jagħtu l-assigurazzjonijiet tagħhom li l-karreġġjati kif gew riveduti, mhux ser ikunu ta' periklu għal min juża din it-triq.*

*Jitlob il-konferma tal-ammont iffissat bħala "planning gain" u jikseb assikurazzjoni li dan l-ammont jiġi nvestit fl-aħjar interess tal-komunita' tal-Mellieħa u mhux jintuża biex isiru xi xogħlijiet relatati ma' dan l-iżvilupp.".*

5.3. Il-Kunsillier H. Fenech issekonda l-mozzjoni ta' emenda mressqa mill-Kunsillier E. Bartolo.

5.4. Is-Sindku rrefera għall-paragrafu (i) tal-mozzjoni skont il-minuta 5.2. aktar 'il fuq u kkummenta li ma jarax il-ħtieġa li ssir laqgħa għall-pubbliku meta kulħadd jaf eżattament x'ser isir permezz tax-xandir u l-media soċjali, kif ukoll minħabba li x-xogħol ser jibda fil-ftit jiem li ġejjin. Għaldaqstant huwa ressaq mozzjoni biex jemenda l-paragrafu (i), sabiex dan jinqara hekk:

*"Jitlob lill-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali sabiex isiru l-istudji u jittieħdu l-miżuri li hemm bżonn sabiex Triq Lewis Wettinger tibqa' b'erba' karreġġjati.".*

5.5. Il-Kunsillier E. Bartolo tenna li l-pubbliku xorta waħda għandu jkollu l-opportunità li jagħmel il-mistoqsijiet tiegħu lin-nies kompetenti f'din il-materja.

5.6. Il-Viċi Sindku D. Vella qal li minn dejjem kienet possibbli li l-pubbliku jattendi s-seduti tal-Kunsill, filwaqt li llum il-ġurnata jista' isegwi permezz tal-mezzi elettroniċi, inkluż dak li qed jintqal f'din is-seduta permezz tal-l-i*streaming* fuq l-internet.

5.7. L-emenda għaddiet b'ħames voti kontra erba' wara li l-Viċi Sindku D. Vella ssekonda l-mozzjoni mressqa fil-minuta 5.4. aktar 'il fuq.

5.8. Is-Sindku J. Buttigieg irrefera għall-paragrafu (v) u qal li huwa ma jsir l-ebda oġġeżżjoni li l-*Planning Gain* impost mill-Awtorità tal-Ippjanar jintuża mill-Kunsill, jew xi entità oħra mhux governattiva fuq proġetti oħra fil-lokalità. Is-Sindku ressaq mozzjoni oħra biex jemenda l-mozzjoni fil-minuta 5.2. aktar 'il fuq, sabiex din tinqara hekk:

*"Il-Planning Gain marbut mal-permess PA 4811/15, kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tal-permessi li hemm f'din iż-żona, kif approvati mal-iskema PC 0046/13, imorru fil-Planning Fund, amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar, sabiex minn hemmhekk il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, flimkien ma' individwi jew għaqdiet oħrajn, ikunu jistgħu jagħmlu użu minnhom għal xi proġett/i oħra fl-istess lokalità.".*

5.9. L-emenda għaddiet b'mod unanimu wara li l-Kunsilliera A. Brincat Stellini ssekondat il-mozzjoni.

## 6.1. Attività fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali (A/5/3/Vol XIII)

6.2. Is-Sindku għarraf li l-Kumitat reġa' ltaqa' fil-11 ta' April 2018 biex ifassal it-temi li fuqhom tista' tinkiteb il-lirika tal-*musical* mis-Sur David Muscat.

6.3. Il-Kunsill approva l-lista u iżda kien hemm qbil li din għandha tiġi ċċirkolata fost il-Kunsillieri qabel tintbagħat lis-Sur Muscat.

6.4. Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-punti dwar il-ħidma tal-Kunsill fil-25 u sena li għaddew,skont kif ġew maqbula fil-laqgħa tal-kumitat maħtur apposta tal-11 ta' April 2018. Qal ukoll li d-Diviżjoni tal-Gvern Lokali approvat talba sabiex tirrijalloka għotja ta' €5,000 mill-Mellieħa International Music Festival għall-Attivitajiet tal-25 Anniversarju, permezz ta' imejl datat 9 ta' April 2018.

## 7.1. PA 1820/18 – Riġenerazzjoni tar-ramla fil-Bajja tal-Għadira (P/5/8/G)

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-proposta msemmija hawn fuq tinvolvi r-riġenerazzjoni tar-ramla billi tinbidel id-direzzjoni tal-mewġ bil-bini ta' 'ħajt' taħt il-livel tal-baħar minn naħa għal'oħra tal-bajja. Qed jiġi propost li fl-ewwel fażi tal-proġett isiru l-istudji meħtieġa biex jiġi stabbilit l-aħjar mod kif isir id-*dredging,* u l-impatt li dan jista' jkollu fuq il-flora u l-fauna tal-art u l-baħar. Hekk kif dawn jitlestew ikun jista' jibda x-xogħol fuq il-bini ta' *wave deflectors* intenzjonati li jħarsu r-ramla u ċ-ċaqlieq tal-għaram (*dunes*).

7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dan l-istadju iniżjali għandu jirriżerva d-dritt li joġġezzjona għat-talba sakemm isir magħruf l-eżitù ta' l-istudji marbuta mal-impatt ambjentali marittimu u fuq l-art, kif ukoll isir *works method statement* rivedut imsejjes fuq l-investigazzjonijiet u l-analiżi li għad iridu jsiru.

## 8.1. PA 2727/18 – Estensjoni tal-Maritim Hotel Antonin & Spa (P/5/8/G)

8.2. Ġie spjegat li l-proposta tinvolvi t-twaqqiegħ ta' ristorant, ħdax-il kamra mil-lukanda eżistenti proprjetà oħra li tmiss magħha sabiex jinbnew 64 kamra ġdida u faċilitajiet ančillari biex tingħaqad mal-binja tal-lukanda eżistenti. Skont il-pjanti sottomessi, jidher li l-binja l-ġdida ser tkun seba' filati għola mill-binja eżistenti.

8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jitlob konsulenza qabel jagħmel rappreżentazzjonijiet fuq din il-proposta.

**9.1. Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Domestiku Mħallat** **(K/6/2/Vol V)**

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ltaqa' darbtejn fuq din is-sejħa u wara li ra d-dokumentazzjoni kollha tat-tmien offerenti, kif ukoll l-offerti finanzjarji rispettivi, irrakkomanda li għandha tinħareġ *letter of intent* lis-Sur Saviour Mifsud, billi ssodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fid-dokument tal-offerta, bl-inqas offerta finanzjarja.

9.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

**10.1. Kuntratt dwar il-Ġbir tal-Iskart Goff** **(K/6/8)**

10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni ltaqa' darbtejn fuq din is-sejħa u wara li ra d-dokumentazzjoni kollha taż-żewġ offerenti, kif ukoll l-offerti finanzjarji rispettivi rrakkomanda li għandha tinħareġ *letter of intent* lill-Antoine Fenech. Fl-istess ittra għandu jintalab jgħaddi ftehim li jipprovdi għall-użu ta' garaxx u/jew bitħa fejn iqiegħed il-vetturi waqt li ma jkunux qed jintużaw. Għandu jintalab ukoll jindika l-vettura, jew vetturi li ser jagħmel użu minnhom, bl-livell ta' emissjonijiet li ma jkunx inqas minn Euro V.

10.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

**11.1. *Culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq Ġorġ Borg Olivier** **(T/4/12)**

11.2. Is-Sindku aċċenna għax-xogħlijiet li saru s'issa minn Transport Malta fuq *culvert* imsemmi li jestendi bejn Triq Sant' Anna u Triq Triq il-Qalb Imqaddsa. Kompla jgħid li huwa evidenti li ma ntlaħaqx qbil bejn il-kuntrattur konċernat u Infrastructure Malta biex dan jitkompla. Huwa għaldaqstant ipproponа li dan isir minn fondi tal-Kunsill permezz tal-*period contract* prevalenti ma' Central Asphalt Ltd. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li fil-parti li baqa' jeżistu problemi bil-*culvert* eżistenti, imqatta' fil-blat kif ukoll għandu partijiet mibnija, fejn l-ilma qed inixxi fil-bini ta' biswitu. Huwa pproponа li dan ix-xogħol isir f'Novembru 2018, meta l-Maritim Hotel Antonin & Spa tkun magħluqa minħabba li ser tiġi mkabbra.

11.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li dan ix-xogħol ma kienx previst meta ġew approvati l-Estimi għall-2018, u għaldaqstant ikun meħtieġ li ssir reallokazzjoni ta' fondi minn vot għal'ieħor. Huwa fakkar li f'dak li jirrigwarda Xogħlijiet fit-Toroq il-voti approvati kienu kif ġej:

| | |
|---|---|
| Triq l-Armier (Fondi kommessi PPP) | €35,817 |
| Rikostruzzjoni ta' Triq il-Qortin | €380,000 |
| Asfaltar mill-ġdid ta' parti mix-Xatt ta' Santa Marija | €80,000 |
| Rikostruzzjoni tal-Bankini fi Triq Ġorġ Borg Olivier | €90,000 |

11.4. Il-Kunsill approva fil-prinċipju l-proposta skont il-minuta 11.2. filwaqt li ma ġie ndikat l-ebda vot mill-Estimi 2018 li jrid jagħmel tajjeb għall-ispiża, qabel ma ssir stima tax-xogħol involut.

**12.1. Sejħa għall-offerti dwar titjib fi Ġnien tas-Salib u Ġnien Dun Anton Debono** **(P/4/22)(P/4/24)**

12.2. Is-Sindku spjega illi l-proposta mressqa mill-Perit D. Cordina għall-Ġnien tas-Salib tinvoli sezzjoni għat-tfal żgħar u oħra għal tfal kbar. Fil-parti tat-tfal iż-żgħar ikun fiha *composite playing structure*, żewġ *spring seats*, u *see-saw*. Is-sezzjoni tat-tfal kbar, tinkludi wkoll *composite playing structure* addattata, *game panel*, bandla bi *cradle seat*, u bandla oħra b'żewġ *flat seats*. Il-proposta tinkludi wkoll il-bdil tal-lastiku tal-art kollu. Dan it-titjib huwa stmat li jiswa €41,762.

12.3. Fir-rigward ta' Ġnien Dun Anton Debono, ġie spejegat li l-Perit Cordina pproponа li ssir *composite playing stucture* għat-tfal zgħar, erba' *seater springers* (1-6 snin), erba *seater springers* (1-12-il sena), bandla b'żewġ *cradle seats*, u *see-saw*. Huwa qal ukoll li anke hawn jeħtieġ li jinbidel l-lastiku kollu tal-art. Dan it-titjib huwa stmat li jiswa €26,694.

12.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir sejħa għall-offerti fl-ewwel opportunità possibbli.

**13.1. Wirja ta' vetturi kollettibbli** **(A/5/3/Vol XII)**

13.2. Il-Viċi Sindku D. Vella ppropona li ssir wirja ta' vetturi kollettibbli nhar il-Ħadd 10 ta' Ġunju 2018 f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa bejn id-9.00 am u 1.00 pm. Huwa ppropona li jingħataw ċertifikati ta' parteċipazzjoni li jitqassmu waqt l-attività.

13.3. Il-Kunsill laqa' l-proposta mresqa.

**14.1. Żjajar kulturali għad-diplomatiċi** **(A/5/3/Vol XV)**

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għaż-żjara fil-Mellieħa li diplomatiċi barranin residenti Malta ser jagħmlu fit-2 ta' Ġunju 2018. Hija qalet li kellha laqgħa mas-Sur Julian Zarb mill-*Cultural Diplomacy Unit* fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ fejn ġew diskussi aktar dettalji. Hija qalet li saret stedina lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex jakkumpanjaw id-diplomatiċi li ser ikunu preżenti.

14.3. Il-Kunsill ħa nota.

**15.1. Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral** **(P/10/5)**

15.2. Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-*manager* tal-Grupp Azzjoni Majjistral kienet irriżenjat u postha għadu battal. Hija qalet ukoll li l-pożizzjoni dwar il-fond użat mill-Fondazzjoni bħala uffiċċju għadha mhux ċara, għalkemm hemm possibiltà li jibqa' fl-istess bini.

15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**16.1. Aġġornament dwar attivitajiet kulturali għas-sajf 2018**
**(A/5/5/Vol IV)( A/5/3/5/Vol V)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li għaddejjin it-tħejjijiet għall-attività ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ tal-20 ta' Ġunju 2018. Hija ppproponiet illi jerġgħu jipparteċipaw il-grupp In Guardia, li fir-rigward tagħhom saret talba lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex jiġu dawn jiġu sponsorjati minnhom.

16.3. Dwar l-inizjattiva L-Arti fil-Misraħ, is-Sinjura Brincat Stellini ppproponiet li ssir laqgħa għall-artisti li potenzjalment jieħdu sehem. Hija fakkret li d-Direttorat għall-Gvern Lokali – Strateġija u Implementazzjoni ta' Policy kien approva għota ta' €3,000 għal din l-inizjattiva, li allura tista' tkun mifruxa fuq perjodu itwal.

16.4. Rigward l-Iljieli Melleħin 2018, is-Sinjura Brincat Stellini għarrfet li hija ħejjiet abbozz tal-programm kollu u ser tkun tista' tiddiskutieħ mal-Kunsill fis-seduta li jmiss. Hija aċċennat ukoll li d-Direttorat alloka somma ta' €5,000 għall-attivitajiet marbuta mal-Iljieli Melleħin.

16.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**17.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

17.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 13 ta' April 2018.

17.3. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* Nru. 3 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

17.4. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

17.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-24 ta' Marzu u t-13 ta' April 2018.

17.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fiż-żewġ skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

**18.1. Suċċess tal-Mellieħa Sports** **(M/6/Vol V)**

18.2. Is-Sindku J. Buttigieg ippropona li tintbgħat nota ta'kongratulazzjoni lill-kumitat tal-Mellieħa Sports Club wara li ġew promossi għat-Tieni Diviżjoni tal-Malta Football Association.

18.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fid-9:40 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 2 ta' Mejju 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**